MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 13/2008

**GO plc – C22334**

**Vs**

**Mark Edward Godfrey John Sant (ID-446185-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fit-8 ta` Jannar, tas-sena 2008, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €741.13c, rapprezentanti ammont li ghadu dovut in kontestazzjoni ma` servizz tat-telefon bin-numru 21338286, skond ma kif jirrizulta minn dokumenti annessi ma` l-avviz u mmarkati Dok. A u B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Gie notat illi l-konvenut ghalkemm notifikat legalment baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

It-Tribunal wara li sema` bil-gurament lil PL Noel Scerri ikkonferma li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi kien baqa` ma sar ebda pagament mill-istess konvenut u wara li gie notat ukoll li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta ta` llum sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` €741.13c, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------